MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 1322/2007

**Avukat Dottor Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta` PUMA AG Rudolf Dassler Sport.**

**vs.**

**Dr. Renzo Porsella-Flores u l-P.L. Veronica Rossignaud li b'digriet tal-15 ta' Jannar 2008 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil STE Solaradel SARL.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' l-Avukat Dottor Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera PUMA AG Rudolf Dassler Sport, datat 19 ta' Dicembru 2007 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta` attrici hi proprjetarja tal-marka “PUMA” registrat f’Malta bin-numru 13091 u tal-marka “Cat registrat f’Malta bin-numru 13092.

Illi dan l-ahhar il-konvenut ikkontravjena t-*trademark* in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-*trademark* ghar-rigward ta’ oggett li huwa jdentici ma’ dawk li dwarhom it-*trademark* tas-socjeta` attrici giet registrata u dan billi gab f’Malta kwantita` ta’ arloggi bil-marki ta’ “Puma” liema arloggi mhumiex modelli tas-socjeta` attrici u ghandhom “*clear cut infingements of PUMA trademarks*”.

Illi ghalhekk il-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda ta’ l-aggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f’Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta` tas-socjeta` attrici u dan kif provdut fl-**artikolu 15 ta’ l-Att dwar it-*Trademarks*** u l-**Att VIII tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** (EC 1383/2003).

Illi ghalhekk l-istess socjeta’ attrici talbet li l-entita’ konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-entita’ konvenuta kkontravjeniet it-*trademarks* proprieta` tas-socjeta` attrici u l-**Att VIII tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** u b’hekk ikkagunat danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna l-qerda tal-oggetti (hwejjeg) spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f’Malta fil-*container* UNIT 4031048 mill-konvenut bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ngunti ghas-subizzjoni. B’riserva ghal azzjoni ta’ danni.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti *nomine* u d-dokumenti annesi u mmarkati kif jidher minn fol. 2 sa fol. 10 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Dr. Philip Manduca *nomine* datat 19 ta’ Dicembru 2007 a fol. 14 tal-process fejn is-socjeta’

rikorrenti talbet in-nomina ta’ kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-intimati fl-atti tar-rikors fuq imsemmija u fl-atti l-ohra kollha relevanti u sussegwenti u tordna li bil-Bandu tigi notifikata l-imsemmija socjeta`; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anna Felice, rat id-digriet precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxall, u billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija l-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. Renzo Porsella-Flores u lill-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi, u dan bid-digriet moghti fil-15 ta’ Jannar 2008 kif jidher a fol. 15 tal-process.

Rat li dan ir-rikors guramentat gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta’ Marzu 2008, b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` rikorrenti sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat ir-risposta mahlufa ta’ l-intimati *nomine* datata 19 ta’ Frar 2008 a fol. 38 tal-process fejn eccepew:-

Illi qabel xejn l-attur *nomine* ghandu jressaq prova tal-mandat tieghu.

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti li wasslu ghall-kawza u hekk kif l-attur *nomine* jghaddilhom kull taghrif li ghandu l-aktar l-indirizz ta’ STE Solaradel SARL – li ghaliha huma nhatru biex jidhru – huma jaghmlu hilithom biex jigbru t-taghrif mehtieg ghaliex ikunu jistghu jikkontestaw il-kawza kif ghandu jkun.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimati a fol. 20 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Gunju 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-container UNIU 4031048 li wasal Malta fit-8 ta' Novembru 2007 wara li nfetah mill-ufficjali tad-Dwana nstab li kien fih 2,000 kaxxa kontenenti arloggi tal-idejn tal-marka "PUMA", li hija marka registrata f'isem is-socjeta' attrici bin-numru 13091 (Dok. "A"), u kien hemm suspett li tali oggetti kienu kontrafatti u allura dawn inzammu mid-Dwana ghal iktar verifiki (affidavit ta' l-ufficjal tad-Dwana George Agius datat 25 ta' Marzu 2008) u fil-fatt ghadhom fil-pussess taghhom sallum; b'dan giet informata s-socjeta' attrici li minn rizultati li ghamlet instab li l-istess arloggi tal-idejn kienu fil-fatt kontrafatti kif jidher mir-rapport datat 25 ta' Frar 2008 maghmul minn Neil Narriman (fol. 23) u mid-Dok. "C" anness mar-rikors guramentat (fol. 10). Jirrizulta li l-istess merkanzija kienet destinata ghall-entita' intimata skond il-polza ta' karigu (Dok. "B"). Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' l-istess, **tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-entita' konvenuta kkontravjeniet it-*trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-**Att VIII tas-sena 2000, Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u b' hekk ikkagunat danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna l-qerda tal-oggetti (hwejjeg) spaccjati u prodotti migjuba f'Malta fil-*container* UNIT 4031048 mill-entita' konvenuta bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici konsistenti f'2,000 kaxxa kontenenti arloggi tal-idejn tal-marka "PUMA" nkluz l-istess arloggi u dan peress li dawn huma kontrafatti u l-istess qerda ta' tali oggetti ghandha ssir mill-Kontrollur tad-Dwana fi zmien sittin (60) gurnata

mid-data ta' din is-sentenza a spejjez tal-istess entita' konvenuta.

Bl-ispejjez kontra entita' konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------